## 21 ta' Ottubru, 1991

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Onorevoli Aġent Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, Dr Guido DeMarco B.A., LL.D., M.P.

*versus*

Felix Agius *et. noe.*

## Danni taħt il-Liġi ta' l-Istampa – Persuni Responsabbli – Awtur – Stampatur – Editur

*Il-liġi tiġbor flimkien bħala responsabbli għar-reati ta' l-istampa kemm lill-awtur tal-kitba, kif ukoll lill-editur li ppermetta dik il-kitba w lill-istampatur li permezz tal-mezzi ta' produzzjoni li huwa ġabar flimkien dik il-pubblikazzjoni infamanti kienet possibbli.*

*Il-liġi ma tiddistingwix, f'dawn ir-reati ta' l-istampa, bejn l-awtur u l-kompliċi imma tgħodd lit-tliet persuni msemmija bħala ko-awturi tar-reat.*

*Li l-istampatur ma qarax l-artikolu inkriminat ma għandu l-ebda rilevanza deċisiva għal dik li hija responsabilità għar-reat kommess, u, konsegwentement, għall-għanijiet ta' l-azzjoni għar-risarċiment tad-danni.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Iċ-ċitazzjoni tiddikjara illi fil-gażżetta *L-Orizzont* tas-6 ta' Ottubru 1987, il-konvenuti, l-editur u l-istampatur rispettivament ta' l-istess ġurnal, immalafamaw lill-attur b'attribuzzjoni ta' fatti determinanti li joffendu l-unur u l-fama tiegħu u jesponuh għar-redikolu u għad-disprezz tal-pubbliku, u għalhekk l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ġiet mitluba li tikkundannahom li jħallsu d-danni minnhom kawżati;

L-istampatur Anton Cassar eċċepixxa illi huwa ma kienx qara l-artikolu indikat waqt li Felix Agius eċċepixxa illi (a) il-kitba fiha biss kummenti li jistgħu jsiru f'soċjetà demokratika, u (b) b'dan kollu, billi l-konvenuti ma ridux jinġurjaw lill-attur, huma jirtiraw kull kumment li jista' jkun xi ftit ħaj u jiftiehem ħażin, għalkemm xorta huwa legalment *fair comment;*

B'sentenza ta' l-4 ta' Novembru 1988 l-Onorabbli Qorti msemmija rrespinġiet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u kkundannathom iħallsu s-somma ta' ħames mitt lira (Lm500) kull wieħed, *in linea* ta' danni, u l-interessi relativi dekorribbli minn dak in-nhar, flimkien ma' l-ispejjeż;

Anton Cassar interpona l-preżenti appell limitat għall-*quantum* tad-danni li jolqtu lilu għaliex qatt ma messu ġie trattat bħall-konvenut l-ieħor, l-editur tal-gazzetta;

Favur dan l-aggravju l-appellant issottometta illi l-editur assuma l-paternità tal-kitba; illi fl-editorija moderna, li ssir fuq skala kbira, bil-lejl u bin-nhar, mhux possibbli għall-istampatur li jikkontrolla dak kollu li jiġi stampat u jrid jafda fl-editur; u

illi l-istess editur ikkonferma li l-istampatur ma kienx qara l-artikolu inkriminat;

Fuq dawn l-argumenti għandu jiġi osservat illi l-Liġi ta' l-Istampa – Kapitolu 248 – wara li telenka l-persuni li għandhom *jirrispondu għall-azzjoni kriminali* għal xi reat kontemplat f'dak l-Att, tipprovdi illi kontra dawk skond il-prinċipji ġenerali tad-dritt ċivili hi proponibbli l-azzjoni ċivili għad-danni mill-vittma tar-reat. *Fl-artikolu 28(2) il-liġi* tikkontempla illi l-konvenut b'mod ġeneriku f'kawża bħal din:

"... jista' bi *tnaqqis tad-danni, jipprova li hu jkun għamel* jew offra li jagħmel apoloġija lill-attur, dwar dik il-malafama, qabel ma tkun inbdiet l-azzjoni għad-danni jew kemm jista' jkun malajr wara malli kellu l-opportunità li hekk jagħmel f'każ li l-azzjoni tkun inbdiet qabel kellu l-opportunità li jagħmel jew li joffri li jagħmel dik l-apoloġija";

Din hija l-unika eċċezzjoni speċifika li ssemmi l-liġi għal dak li jirrigwarda l-azzjoni għad-danni minħabba malafama, u din, fil-każ preżenti, ma tapplikax, kif, *del resto*, l-anqas ma qed jinvokaha, fl-appell tiegħu, il-konvenut;

Il-Qorti però qegħda tikkwotaha għaliex jidhrilha li hija indikattiva tar-*ratio legis:* din il-liġi hija pjuttost stretta u konċepita f'termini tali biex tiskoraġġixxi *kemm jista' jkun il*-malafama permezz ta' l-istampa, u allura l-Qorti trid tieħu dan il-fattur ukoll in kunsiderazzjoni meta tiġi biex tapplika l-istess liġi;

**Il-liġi ġiet promulgata fl-1973, meta l-editorija maltija kienet, bejn wieħed u ieħor, diġà laħqet l-istat li fih tinsab illum**

għal dak li huwa l-kobor tal-produzzjoni. Aktar ma hija kbira l-produzzjoni, aktar ma hija mxerrda l-gazzetta li fiha jkun hemm il-malafama, aktar huwa l-impatt tad-danni. Fil-kamp tad-dritt *ċivili għad-danni huwa biżżejjed magħruf li dak li jagħmel tajjeb,* bil-patrimonju tiegħu, għall-ħlas tad-danni sofferti, huwa l-istampatur, il-proprjetarju ta' l-ażjenda editriċi, jew l-aġent tal-proprjetarju, u mhux l-editur, li huwa, fil-maġġoranza kbira tal-każijiet, l-impjegat ta' l-istampatur. Għalhekk il-liġi tiġbor flimkien bħala responsabbli għar-reati ta' l-Istampa kemm lill-awtur tal-kitba, kif ukoll lill-editur li ppermetta dik il-kitba u lill-istampatur li permezz tal-mezzi ta' produzzjoni li huwa ġabar flimkien (artikolu 23) dik il-pubblikazzjoni infamanti kienet possibbli.

Huwa manifest illi l-liġi ma tiddistingwix, f'dawn ir-reati ta' l-istampa, bejn l-awtur u l-kompliċi imma tgħodd lit-tliet persuni msemmija pjuttost bħala ko-awturi tar-reat. Però naturalment, anki jekk le, xorta waħda l-awtur u l-kompliċi huma soġġetti għall-istess piena – artikolu 43 Kapitolu 9;

*Li l-appellant, għalhekk, ma qarax l-artikolu inkriminat ma* għandu l-ebda rilevanza deċisiva għal dik li hija responsabilità għar-reat kommess u li jagħti lok imbagħad għall-azzjoni għar-risarċiment tad-danni;

Evidentement għalhekk, l-ewwel Qorti kellha tħares għall-gwida lejn l-artikolu 1050 Kapitolu 16 biex tqassam id-danni bejn il-konvenuti:

"1050. (1) Jekk il-biċċa tal-ħsara li kull wieħed ikun ikkaġuna ma tkunx tista' tiġi stabbilita, min ikun bata l-ħsara jista' jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha mingħand kull min irid minn

dawk li jkunu ħadu sehem fiha, **ukoll jekk** ilkoll jew **xi wħud minnhom ma jkunux imxew dolożament,** bla ħsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-ieħor jew l-oħrajn.

(2) F'dan il-każ...il-qorti tista' tqassam fuq kull wieħed minnhom is-somma meħtieġa għall-ħlas tal-ħsara, f'ishma ndaqs jew mhux indaqs, skond iċ-ċirkustanzi ....'';

U għalhekk jidher li f'dawk iċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ qieset li l-ommissjoni ta' sorveljanza, da parti ta' l-istampatur (barra l-kommissjoni passiva, ġenerali, intrinsika fil-kwalità tiegħu, kif kontemplata mil-liġi), kienet ugwalment responsabbli għad-danni daqs dik tal-konvenut l-ieħor li kiteb l-artikolu malafamanti;

Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell interpost qed jiġi miċħud u s-sentenza ta' l-ewwel istanza konfermata. Il-Qorti tifhem illi l-appell ġie interpost fuq l-iskorta ta' sentenzi, anki ta' din il-qorti, li huma fis-sens li hemm distinzjoni li tista' ssir bejn l-editur u l-istampatur għal dak li hija responsabilità. Dawn is-sentenzi però ma kinux ikkunsidraw l-artikolu 1050 Kapitolu 16 kif sar f'din is-sentenza minħabba dak li hemm fis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti;

L-ispejjeż għalhekk ta' dan l-appell jibqgħu mingħajr taxxa waqt li dawk ta' l-ewwel istanza jibqgħu kif ġa regolati.